MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 289/2009/1

**Highway Auto Company Limited**

**vs**

**John Pisani u Mary Pisani**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Gunju, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenuti l-hlas ta' somma bilancjali ta' tlett elef, erba mija, u erba u disghin ewro (€3494) oltre l-imghax legali konsistenti f'self ta' flus skond kambjali tal-5 ta' Frar 2007 u tas-27 ta' Awissu 2007, ammontanti ghal €2532.31, kif ukoll kont tad-dawl u ilma

mhallas ghan-nom tal-konvenuti, ammontanti ghal €256.23; hames snin permessi tax-showroom Highway Auto Dealer, Valley Road, Birkirkara ammontanti ghal €582.34; prezz ta' karozza Skoda DAR 662 ammontanti ghal €826.92 u bilanc ta' prezz ta' karozza Rover AAG 926 ammontanti ghal €116.47 globalment ammontanti ghal €4258.10 (Sic!). Illi minn din is-somma fid-29 ta' Awissu 2008, l-intimati hallsu €1863.50, biex b'hekk il-bilanc jammonta ghal €2,394.60 oltre spejjez inkorsi mill-mittenti fuq karozza Skoda DAR 662 li kellha tigi skrappjata, ammontanti ghal €200. Illi ma din is-somma ta' €2594.60, l-intimati huma debituri flimkien ma Gaetano Debattista fis-somma ta' €1024.92 skond kambjalijiet mahruga minnkom li gew iggirati favur il-mittenti, liema kambjali huma datati 25 ta' Frar 2007, u skadew fit-30 ta' Ottubru 2008, 30 ta' Novembru 2008, 30 ta' Dicembru 2008 u 30 ta' Jannar 2009. Illi ghalhekk globalment ir-rikorrenti huwa debitur (Sic!) tal-intimat fis-somma ta' €3619.92, oltre l-imghax legali pero din it-talba qeghda tigi limitata ghas-somma ta' €3,494 biex ma tezorbitax il-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar 2009 u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li (i) l-esponenti ma jaqbilx illi l-ammonti kollha pretizi minnhom permezz tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi huma dovuti; (ii) fil-fatt mill-ammont ta' 2,585.60 imsemmija, l-esponenti hallsu lis-socjeta' mittenti l-ammont ta' €1,863.50 kif mistqar mid-direttur tas-socjeta' mittenti; (iii) rigward l-ammont ta' €170.04 allegatament dovuti ghall-kont ta' elettriku u ilma, dawn huma preskritti u kwindi mhux dovuti; (iv) illi l-esponenti lanqas ma huma jammettu illi huma ghandhom jaghtu l-ammont ta' €826.93 konnessi mal-vettura Skoda DAR 662 u l-istess jinghad ghall-ammont ta' €465.87 ghall-iskrappjar tal-istess vettura. Dawn salv

eccezzjonijiet ulterjuri, huma l-oggezzjonijiet principali ta' l-esponenti ghall-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Costantino Borg prodott mis-socjeta' attrici.

Ra l-affidavit ta' Costantino Borg prodott mis-socjeta' attrici.

Ra l-affidavit tal-konvenut John Pisani.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi t-Tribunal fl-ewwel lok josserva li f'din il-kawza, l-partijiet ftit li xejn ghamlu sforz sabiex jispjegaw u jippruvaw b'mod car dak li kull wiehed minnhom qieghed jippretendi jew jallega. It-Tribunal ihoss illi s-socjeta' attrici pproduciet provi fjakki u kemm xejn konfuzi, u donnha qed tippretendi li dan it-Tribunal jara kif ser jaghmel sens mill-konfuzjoni kollu.

Illi t-Tribunal ghalhekk ser jiehu in konsiderazzjoni kull ammont mitlub mis-socjeta' attrici separatament sabiex jipprova jasal ghall-konkluzzjoni dwar jekk tali ammont huwiex dovut jew le mill-konvenuti.

Fl-ewwel lok, fl-Avviz minnha pprezentat, is-socjeta' attrici tiddikjara li kienet selfet ammont ta' flus lill-konvenuti skond zewg kambjali tal-5 ta' Frar 2007 (Lm800), u tas-27 ta' Awissu 2007 (Lm300), t-tnejn flimkien ammontanti ghal €2532.31, skond il-kalkoli tas-socjeta' attrici (ghaliex se mai l-ammont kellu jkun ta' €2562.31).

Illi huwa ammess mis-socjeta' attrici stess illi l-ammont ta' Lm800 kien gie mhallas fid-29 ta' Awissu 2008. Fil-fatt it-Tribunal huwa tal-fehma li dan l-ammont seta' facilment ma ssemma xejn ghaliex wara kollox kien thallas, u serva biss biex ikompli jikkomplika l-istorja.

Illi dwar dan il-punt fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut isemmi biss li mill-ammont ta' €2585.60 imsemmija mis-socjeta' attrici huwa kien hallas l-ammont ta' €1,863.50 (cioe Lm800). Dan jista' biss iwassal lit-Tribunal sabiex jifhem li hemm ammissjoni tacita li l-ammont ta' Lm300 ghadu dovut. Fil-fatt dan jirrizulta wkoll mid-Dokument HA1, li huwa proprju kopja tal-kambjala datata 27 ta' Awissu 2007 ghall-ammont ta' Lm300. Ghalhekk t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' €698.81 (ekwivalenti ghal Lm300) ghandha tigi milqugha.

Illi s-socjeta' attrici qed tallega li hallset kont tad-dawl u ilma ghan-nom tal-konvenuti, ammontanti ghal €256.23. Madankollu fix-xhieda moghtija minn Costantino Borg, jisemma l-ammont ta' Lm73, li jigu ekwivalenti ghal €170.04 u mhux €256.23! Hawn ukoll jidher li s-socjeta' attrici lanqas biss indenjat ruhha telenka l-ammonti precizi li taghhom hija qed titlob il-hlas.

Illi rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mill-konvenuti fir-rigward ta' dan l-ammont, dan it-Tribunal jaghmel referenza ghad-diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fejn gie dejjem ritenut illi '*il-Qorti ma tistax 'ex officio' taghti effetti ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata, u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha'* (Francis Bugeja nomine vs Indira Mercieca, Appell 29 ta' Mejju 2000). Mkien fl-atti ma jidher li l-konvenuti ghamlu

referenza ghal artikolu specifiku tal-ligi, u ghalhekk it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda.

Illi t-Tribunal josserva li kien jinkombi fuq is-socjeta’ attrici li tipproduci bhala l-ahjar prova, kopja tal-kont in kwistjoni u tal-ircevuta tal-hlas li ghamlet, (anki sabiex almenu jigi verifikat x’kien l-ammont preciz). Dan ma sarx alavolja s-socjeta’ attrici inghata zmien sabiex tipproduci d-dokumenti taghha. Skond il-konvenut, dan l-ammont kien gie pacut ma ammont iehor li kien dovut lilu mis-socjeta’ attrici. Ghalhekk in vista tal-versjonijiet konfliggenti tal-partijiet u tan-nuqqas ta’ provi konkreti fir-rigward ta’ l-istess, din il-parti tat-talba tas-socjeta’ attrici ma tistax tigi milqugha.

Illi fir-rigward tal-ammont ta’ €582.34 mitlub mis-socjeta’ attrici, rapprezentanti l-hlas ta’ hames snin permessi, skond ix-xhud Costantino Borg dawn kienu jikkonsistu fi hlas ta’ Lm50 kull sena bejn il-2002 sal-2006, u cioe total ta’ Lm250 ekwivalenti ghal €582.34.

Fl-affidavit tieghu l-konvenut spjega li l-attur qatt ma inghata struzzjonijiet sabiex ihallas dawn il-permessi, u jekk hallashom, dan sar ghan-nom tas-socjeta’ attrici stess u mhux ghan-nom tieghu. Fil-fatt jidher li dan huwa minnu ghaliex is-socjeta’ attrici stess fl-Avviz taghha tghid illi dawn il-permessi thallsu ghan-nom tal-Highway Auto Dealer Showroom.

It-Tribunal josserva li ma gew prodotti l-ebda provi dwar x’kien l-arrangament bejn il-partijiet, u dwar min kellu jhallas il-permessi mehtiega, u ma gew prodotti l-ebda dokumenti in sostenn ta’ din it-talba partikolari tas-socjeta’ attrici. Ghalhekk it-Tribunal ghandu jistrieh biss fuq dak li jirrizulta mill-process, u cioe li dawn il-permessi milli jidher kienu jghajtu lis-socjeta’ attrici stess u li ma hemm xejn x’juri li dawn kellhom jithallsu mill-konvenuti.

Ghalhekk anki din il-parti tat-talba tas-socjeta' attrici ma tistax tigi milqugha.

Illi fir-rigward tal-ammont ta' €826.92 (Lm355) bhala prezz tal-karozza Skoda DAR 662, u l-ammont ta' €200 sabiex din l-istess vettura tigi '*scrapped*', flimkien ammontanti ghal €1026.92, hawn ukoll is-socjeta' attrici naqset ghal kollox milli tissostanzja din it-talba u tipproduci farka prova in sostenn tal-istess.

Ix-xhud Costantino Borg sempliciment jghid is-segwenti kliem fir-rigward ta' dan l-ammont:- '…..*oltre prezz ta' karozza Skoda DAR 662, ammontanti ghal Lm355…*' ghax bhallikieku dan b'xi mod ifisser jew jipprova li tali ammont huwa dovut mill-konvenuti. Ghalhekk, in vista tan-nuqqas ta' prova minn-naha tas-socjeta' attrici - li wara kollox jekk qed tallega trid tipprova - u in vista tax-xhieda tal-konvenut dwar din il-karozza Skoda, hawnhekk ukoll it-Tribunal jidhirlu li din il-parti tat-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda.

L-istess ezatt jinghad fuq it-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' €116.47 (Lm50) minghand il-konvenuti ghall-vettura Rover AAG 926.

Finalment fir-rigward tal-kambjali imsemmija fl-Avviz (Dok. HA4 sa HA7), datati 25 ta' Frar 2007, u li skadew fit-30 ta' Ottubru 2008, fit-30 ta' Novembru 2008 fit-30 ta' Dicembru 2008 u fit-30 ta' Jannar 2009, kull wahda ghall-ammont ta' Lm110, minn imkien ma jidher li b'xi mod kellu x'jaqsam il-konvenut ma dawn il-kambjali, u mkien fuqhom ma jidher ismu. Ghalhekk l-allegazzjoni li dawn l-erba kambjali huma dovuti mill-konvenut hija ghal kollox infondata u bla bazi.

Tenut kont ta' dak kollu li ntqal izjed il-fuq, jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici tista' tigi milqugha biss limitatament fl-ammont ta' €698.81, u xejn aktar.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:-

Jilqa l-ewwel, it-tieni u r-raba eccezzjonijiet tal-konvenuti;
Jichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti;
Jilqa t-talba attrici limitatament billi jikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija, tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81). Fic-cirkostanzi l-ispejjes tal-kawza ghandhom jitqassmu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mis-socjeta' attrici u kwart (1/4) mill-konvenuti.**"**

Iz-zewg kontendenti appellaw minn din is-sentenza biex jitolbu r-riforma taghha. Bl-appell principali taghha s-socjeta` attrici tiddenunzja l-gudizzju tat-Tribunal b'dawn l-ilmenti:-

1. It-Tribunal ma ddistingwiex bejn il-kumpaniji Highway Auto Company Limited u Highway Auto Dealer gestita mill-konvenuti, mill-istess fond appartenenti lis-socjeta` attrici;

2. Oltre s-self ta' Lm300 sar iehor ta' Lm800 ghax-xiri ta' vettura tal-marka Vauxhall, u dan ukoll baqa' ma thallasx lura;

3. Billi l-konvenut kien jiggestixxi n-negozju mill-fond tas-socjeta` hu kien responsabbli ghall-hlasijiet tad-dawl u ta' l-ilma kif ukoll ghall-permessi relattivi. Ma huwiex minnu li dawn il-permessi kienu ghal bejgh ta' *spare parts* izda kienu konnessi man-negozju tal-bejgh tal-karozzi;

4. Kien dovut hlas fuq prezz ta' karozza Skoda u bilanc fuq vettura tal-marka Rover;

5. It-Tribunal zbalja meta l-kambjali girati mill-kreditur Gaetano Debattista favur il-kumpanija attrici gew minnu injorati;

Minn naha taghhom il-konvenuti appellaw incidentalment biex jattakkaw dik il-parti tad-decizjoni li akkordat it-talba tas-socjeta` attrici ghar-radd lura tas-somma ta’ tliet mitt lira (Lm300). Huma jikkontendu illi s-self ta’ dik is-somma sar lil binhom u, barra minn hekk, kien ukoll saldat. Huma jsostnu wkoll illi s-self sar minn Constantino Borg personalment u mhux mill-kumpanija attrici;

Il-provi f’din l-istanza jikkonsistu eskluzivament fl-Affidavit ta’ Constantino Borg rapprezentanti tas-socjeta` attrici (fol. 15) u mill-Affidavit tal-konvenut John Pisani a fol. 30;

Skond Constantino Borg il-pretensjonijiet li fuqhom is-socjeta` attrici fformulat it-talbiet taghha huma kif gej:-

(i) Saru zewg mutwi bejn il-partijiet: il-wiehed ta’ tmien mitt lira (Lm800) ghax-xiri ta’ karozza Vauxhall; l-iehor ta’ Lm300 skond kambjala datata 27 ta’ Awissu 2007;

(ii) Kien hemm kont ta’ dawl u ilma fl-ammont ta’ Lm73 risalenti ghall-11 ta’ Marzu, 2003;

(iii) Il-hames permessi li thallsu mis-socjeta` attrici ghall-perijodu bejn is-sena 2002 u s-sena 2006 kienu b’rata ta’ Lm50 fis-sena;

(iv) Kien dovut il-prezz ta’ karozza Skoda (Lm355) u l-prezz ghall-iscrap taghha (Lm200) kif ukoll bilanc ta’ Lm50 fuq il-vettura Rover;

(v) Oltre dan kien hemm erba’ kambjalijiet dovuti mill-konvenut lil Gaetano Debattista u dawn gew girati favur il-kumpanija attrici;

(vi) L-uniku hlas li sar mill-konvenuti kien ta' €1863.50 fid-29 ta' Awissu 2008;

Minn naha tieghu l-konvenut John Pisani jiddikjara dan li jsegwi:-

i. Is-self ta' somma ta' Lm800 (€1863.50) gie rifuz lura fid-29 ta' Awissu 2008;

ii. Is-self ta' Lm300 sar lil ibnu Mario Pisani u hu kien biss garanti ghar-rimbors tieghu;

iii. Is-somma ta' Lm73 kont tad-dawl u ilma gie pacut minnu meta ghadda lir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici l-log book tal-vettura Tata li hu kien xtara minghand ibnu. Agguntivament, l-ammont reklamat huwa preskritt;

iv. Huwa qatt ma talab lis-socjeta` attrici thallaslu ghal hames permessi li, wara kollox, kienu jirreferu ghal bejgh ta' spare parts li hu ma kienx jinnegozja fihom;

v. Huwa qatt ma dahal f'negozjati dwar ix-xiri tal-vettura Skoda li kienet ukoll fi stat hazin;

vi. Ma jirrizultax li hu ghandu jhallas Lm50 tal-vettura Rover u prova f'dan ir-rigward lanqas ma ngiebet;

vii. Kwantu ghall-erba' kambjali li nhargu favur Gaetano Debattista minn Highway Auto Dealer l-ammont inidikat fihom kien gie pacut;

Maghmula din l-esposizzjoni tal-fatti ta' naha u ta' ohra, jibda biex jigi ddikjarat illi l-oggett tal-prova da parti tas-socjeta` attrici kien dak li hi ggib 'il quddiem, u ssostni ukoll, il-fatti principali minnha allegati, hekk meqjusa rilevanti ghall-iskop tad-decizjoni tal-kaz taghha. *Ex abundantia*, il-gurisprudenza taghna f'materja ta' provi taghmel rikjam ghal certi massimi sterjotipati ben maghrufa, fosthom illi "*onus probandi incumbit ei qui dicet*." Massima din li tesprimi dik l-esigenza legali li

taddossa fuq spallejn min jallega fatti favorevoli ghalih id-dover li jaghti prova adegwata ta' l-ezistenza ta' dawk il-fatti. Minghajr dubju, bhal kull gudikant iehor, il-Gudikatur presedenti t-Tribunal ghandu l-poter istruttorju li jippresta affidament lil dawk il-provi li huwa jqis ta' sustanza ghall-formazzjoni tal-konvinciment u c-certezza morali tal-verita tal-fatti. Dan jinzel kjarament mill-previzjoni tal-Kapitolu 380 fl-Artikolu 9 (2) (b) tieghu. Ukoll jekk mhux marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova, jibqa' dejjem imperanti l-principju konsagrat fid-duttrina procedurali illi l-Gudikatur hu wkoll fid-dmir li jiddeciedi *iuxta alligata et probata*. Naturalment, fl-apprezzament tal-provi tintervjeni dejjem mizura mhux indifferenti ta' diskrezzjonalita, u cjoe ta' dak l-*arbitrium boni viri* li tfittex il-gustizzja sostanzjali u dik l-ewita ghal liema jirreferi l-Artikolu 7 (1) tal-Kap imsemmi;

Affermata din il-preliminari, is-socjeta` attrici appellanti tattakka l-ezercizzju tad-diskrezzjonalita` tal-provi da parti tat-Tribunal bil-mod raffigurat fl-esposizzjoni ta' l-ilmenti taghha. Isegwi allura illi hu fil-kompetenza ta' din il-Qorti li tara u tassikura jekk l-apprezzament tat-Tribunal kienx sew indirizzat fuq l-elementi tal-provi prodotti u jekk huwiex il-kaz illi din il-Qorti ghandhiex tissindika dik id-diskrezzjoni in kwantu, kif kontez mis-socjeta` appellanti, din hi deficjenti minn attitudni errata tal-valutazzjoni tal-provi;

Inghad ripetutament minn din il-Qorti illi d-disponibilita tal-provi hi dejjem imhollija fl-inizzjattiva tal-parti u li l-gudikatur ghandu jiddeciedi l-kawza in bazi ghall-provi sottoposti ghall-ezami tieghu. Huwa ghaldaqstant imholli skond id-djalettika processwali fil-poter esklussiv u dispositiv tal-parti liema provi jidhrilha li ghandha ggib, ben attiz il-principju generali illi l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega;

Bi qbil mat-Tribunal ikollu jinghad illi, fil-kumpless, ma jidherx li gew mis-socjeta` appellanti provvduti dettalji sufficjenti jew dokumenti sodisfacenti ghas-sostenn tal-

fatti minnha ddikjarati u allegati. Hekk ad ezempju, ma giex prodott il-kont tad-dawl u ta’ l-ilma u lanqas il-kopji tal-permessi relattivi li hi tghid li hallset fl-interess tal-konvenuti. L-ebda dokument li jattesta l-bejgh tal-vetturi Skoda u Rover u l-ebda evidenza tal-gira tal-kambjalijiet fit-termini statwiti fl-Artikolu 136 *et sequitur* tal-Kodici tal-Kummerc. Ghamel sewwa ghalhekk it-Tribunal illi kkonsidra dawk il-pretensjonijiet u dawk l-allegazzjonijiet tas-socjeta` attrici bhala inattendibbli, anke in vista tal-kuntrast dwarhom mill-konvenut appellat. Fis-sewwa, is-socjeta` appellanti ma tistax tippretendi li saret valutazzjoni zbaljata tar-rizultanzi istruttorji u li, konsegwentement, ghar-*ratio decidendi* ghandha tippremeggja l-valutazzjoni proprja taghha tal-provi;

Ghall-kuntrarju, hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi t-Tribunal korrettement irrizolva l-mertu tal-kontestazzjoni li kellu quddiemu u approda ruhu ghal decizjoni gusta f’kull aspett taghha. Ukoll, in rigward tas-self ta’ tliet mitt lira (Lm300) in kwantu din hi sew sopportata mid-dokument esebit a fol. 17 konsistenti minn kambjala datata 27 ta’ Awissu 2007 attestanti dak l-istess self b’rabta negozjali bejn is-socjeta` attrici (u mhux Costantino Borg personalment) u l-konvenut John Pisani (u mhux ukoll ibnu Mario Pisani). Wisq tajjeb ghalhekk it-Tribunal irraguna illi ma kellux joqghod fuq is-semplici allegazzjonijiet tal-partijiet, sew ghal dak li jikkoncerna r-reklam tad-diversi rjus tal-hlasijiet pretizi, li baqghu mhux sufficjentement suffragati mis-socjeta` attrici, sew ukoll fil-kaz ta’ certa difiza tal-konvenuti in meritu ghal dak is-self.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qeghda tirrespingi sew l-appell principali tas-socjeta` attrici appellanti kif ukoll dak incidentali tal-konvenuti u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. Kull parti tbati l-ispejjez ta’ l-appell introdott minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------